IL-ĦAJJA f'Għawdex
SUPPLIMENT NOVEMBRU 2009




# "Bemvindos"

**DJARJU TA' ŻJARA PASTORALI TAL-ISQOF MARIO GRECH FIL-BRAŻIL**

*13 ta' Settembru - 1 ta' Ottubru 2009*



*Mons. Isqof Mario Grech flimkien mas-saċerdoti u lajċi Għawdxin quddiem is-Santwarju tal-Madonna Aparecida*

Rapport u Ritratti minn

**Fr. EDDIE ZAMMIT**



**Kien ilu jberren f'moħħ l-Isqof Mario Grech il-ħsieb li xi darba jagħmel żjara lis-saċerdoti u l-lajċi missjunarji tagħna fl-art immensa tal-Brażil. Xi uħud minn dawn il-missjunarji kellhom diġà l-okkażjoni li jiltaqgħu mal-Isqof Mario fiż-żjarat tagħhom f'Għawdex li jagħmlu kultant żmien. Il-ħsieb tal-Isqof Mario sar realtà l-Ħadd 13 ta' Settembru 2009.**

Kmieni filgħodu fil-5.00a.m. l-ajruplan tal-British Airways illandja l-ajruport San Paolo wara titjira ta' madwar 10 sigħat minn Londra. L-Isqof Mario flimkien mal-grupp li kienu qed jakkumpanjawh fosthom tlett saċerdoti Dun Charles Sultana, Dun Eddie Zammit, l-Arċipriet Tarcisio Camilleri u żewġ lajci Dr Anton Grech u Tarcisio Gauci sabu jilqgħuhom lil Patri Rikkardu Attard, Malti Agostinjan membru ta' din il-komunità li ilha għal diversi snin preżenti fil-periferija ta' din l-ikbar metropoli tal-Brażil. Ta min jgħid li f'din il-komunità hemm ukoll bħala superjur, l-Għawdxi Patri Adeodato Schembri li meta konna hemm inzerta Għawdex.



*Mons. Isqof flimkien ma' Dun Ġużepp Agius u Fr. Charles Sultana f'Iguacu*

Wara ftit mumenti ta' mistrieħ fil-Kunvent tal-Agostinjani u żjara lill-Knisja ta' Santa Rita fl-istess kumpless, l-istess Patri Rikkardu akkumpanja lill-Isqof Grech u l-grupp kollu fi żjara lis-Santwarju tal-Madonna Aparecida, il-Patruna tal-Brażil, vjaġġ ta' madwar sagħtejn bil-minibus. Kien il-jum tal-Ħadd u f'jum bħal dak kien hemm xmara ta' pellegrini li ġew jinvistaw is-Santwarju. Il-vjaġġ lejn Aparecida kien okkażjoni biex wieħed jibda jieħu idea tas-sbuħija u d-diversita' li hemm fil-pajsaġġ Brażiljan. Kuluri u forom ta' kull xorta li jikkomunikaw emozzjonijiet ta' tama u ta' futur. Dan stajna narawh ukoll fl-uċuh ta' dawk il-pellegrini li, b'kull xorta ta' mezz ta' trasport matul iż-żmien kollu tas-sena, jimlew kull rokna ta' dan is-Santwarju Kbir u massiċċ, simbolu tal-identità tal-fidi nisranija tal-Poplu Brażiljan.

Fil-knejjes kollha li żorna tul il-mawra tagħna f'dan il-pajjiż stajna nifhmu b'xi mod ir-rabta kbira li hemm bejn l-kattoliċi Brażiljani u l-Madonna Aparecida. L-istatwa żgħira tal-Madonna Aparecida kellna niltaqgħu magħha diversi drabi u f'postijiet differenti. Forsi l-ikbar post li rajnieh l-iktar jixirqilha kien fil-kappella privata tal-Kardinal Primat tal-Brażil, l-Emminenza T. Mons. Geraldo Majella Agnello.

Minn San Paolo It-Tnejn 14 ta' Settembru wara nofsinhar kellna fil-programm laqgħa ma' Mons. Jose' Agius. Aħna għadna nsibuh Dun Ġużepp tal-Munxar. Forsi jixraqlu aħjar Dun Josè ta' Rolandia wara aktar

minn 50 sena marbut ma' din il-belt żgħira qrib il-Belt ta' Londrina. Il-laqgħa miegħu seħħet wara vjaġġ bl-ajru lejn post meravilja tan-natura: Il-Kaskati ta' Iguazu. Iltqajna ħdejn dawn l-ilmijiet kbar, simbolu ta' riġenerazzjoni spiritwali u ekonomika kbira. Il-Brażil fil-kobor u fid-diversità kbira tiegħu minn pajjiż ta' ftit riżorsi qiegħed bil-mod il-mod f'mixja dejjem iktar stabbli isib lilu innifsu u jiġġenera kull xorta ta' mezzi biex il-poplu tiegħu joħroġ dak kollu li hemm sabiħ fih li għadu mhux magħruf. L-istess bħal ma ġara lil dawn il-kaskati kbar. Meta mar l-ewwel darba il-Brażil madwar 50 sena ilu, kien qiegħed jirrakuntalna Dun Jose' Agius, ħadd ma kien jitkellem dwarhom. U illum saru wieħed mill-isbaħ postijiet li kull min iżur il-Brażil ifittex li jarahom. F'dan il-post konna ospitati għand ħbieb ta' l-istess Mons. Josè.


*Żjara lill-Isqof Malti Mons. Vicenti Costa f'Toledo*

Minn Iguazu bdejna il-vjaġġ twil lejn il-parroċċa ta' Mons. Josè: Rolandia, 8 sigħat sewqan. Vjaġġ li dehrilna ftit twil għalina li mdorrijin fi f'nofs siegħa naslu kullimkien! Deher iqsar għax l-atmosfera fil-minibus li pprovda Dun Jose' kienet waħda ħajja. Rakkonti minn Malta u Għawdex, u rakkonti mill-Brażil. U f'ħamsin sena preżenza f'dan il-pajjiż isib xi tgħid! Waqfa sabiħa tul dan il-vaġġ kienet pprogrammata fil-belt ta' Toledo. Hawn kien hemm jistenniena l-Isqof Malti Dom Vincenzo Costa. Kienet laqgħa sabiħa u kommoventi. L-Isqof Costa kien f'din il-belt flimkien mas-saċerdoti tiegħu li kienu jagħmlu Irtir. L-Isqof Mario indirizza lil dawn is-saċerdoti u kellimhom dwar Malta u Għawdex tagħna u r-rabta li għandhom il-gżejjer mal-miġja tal-Appostlu Pawlu. Kienet żjara qasira imma qawwija u mimlija sentimenti ta' ħbiberija u inkurraġġiment reċiproku bejn żewġ Isqfijiet żgħażagħ.

Rolandia wasalna xħin il-lejl kien daħal ġmielu. Imma sibna kollox lest. Dun Jose' kien ħaseb għal kollox u għalkemm ma konniex ser indumu wisq f'dil-belt hu ħejja programm mimli u nteressanti. L-Erbgħa 16 ta' Settembru, filgħodu mas-sebħ iltqajna fil-Dar tal-Karmelitani f'Londrina għal laqgħa mal-Isqof tal-post Mons. Orlando Brandes u ma' Mons Albano Bartoletto Cavallin, l-Isqof Emeritu ta' din l-Arċidjoċesi. It-tnejn li huma kellhom kliem ta' apprezzament lejn il-ħidma ta' Don Josè u tad-diversi missjunarji Maltin li hemm f'din l-Arċidjocesi.


*Mons. Isqof Grech mal-isqfijiet ta' Londrina*

Iktar tard l-Isqof kien il-mistieden ta' Monsinjur Benny Gafà, missjunarju Malti mill-Imsida, li huwa l-Arċipriet tal-Kattidral tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù f'Londrina u hemm mexxa Pontifikal fil-preżenza ta' madwar 1400 ruħ. Kien fil-parti l-antika ta' dan il-Kattidral li Mons. Josè indikalna bħala l-post fejn huwa kien ġie ordnat sa'edrot wara perijodu ta' studju fl-istess belt madwar 50 sena ilu. L-istess Monsinjur Gafà wara l-quddiesa organizza ikla għas-saċerdoti Maltin preżenti f'Londrina fid-dar tal-Kattidral. Kien hemm ukoll min bħal Dun Ġwann Caruana mill-Mosta ġie mill-bogħod mill-inħawi tal-Amazonias u kellu jaqbad l-ajruplan biex jiġi għal din il-laqgħa mal-Isqof Mario. Kienu mumenti sbieħ ta' fraternità. Waqt l-ikla sar ukoll kollegament ma' Malta permezz tar-Radju RTK fil-programm ta' Tonio Bonello.



*Laqgħa mal-missjunarji Maltin u Għawdxin f'Facienda Tilia (Rolandia)*

Lura għand Dun Josè l-Isqof Mario kien intervistat għal stazzjon tat-televizzjoni lokali u iktar tard mexxa quddiesa fil-knisja ta' Santa Monika tal-Agostinjani Maltin f'Rolandia, fejn bierek ukoll Stazzjonijiet ta' Via Sagra għal-knisja. Wara l-kappillan tal-parroċċa Patri Pawl Formosa stedinna lkoll għall-ikel fid-dar tal-parroċċa. L-għada l-Ħamis 17 ta' Settembru, Don Josè ħadna fuq żjara fid-diversi proġetti soċjali li bħalissa qed imexxi biex jipprova jibni futur lill-ġenerazzjoni żagħżugħa. Żorna l-knisja u l-kumpless tar-Riżurezzjoni, Crecehes, l-iskola tas-Sorijiet Franiskani Maltin li ilhom preżenti f'din il-belt għal iktar minn 50 sena, kif ukoll il-proġett *Amor* li hija kooperattiva taż-żgħażagħ li tħejjihom għad-dinja tax-xogħol.



*Wieħed mill-proġetti edukattivi ta' Dun Ġużepp Agius (Rolandia)*

F'nofsinhar Don Josè ħejja ikla għand familja ħbieb tiegħu ġo *facienda* u ġew mistiedna is-saċerdoti Maltin li hemm f'Londrina u fi djoċesijiet fil-qrib. Kienet laqgħa ta' fraternita' sabiħa ħafna. Is-saċerdoti Maltin apprezzaw il-ġest ta' Mons. Isqof Mario Grech li sab ħin jiltaqa' magħhom u jisma' ftit l-esperjenzi taż-żmien li għaddew f'ħidma ta' evanġelizzazzjoni. Iż-żjara għand Mons. Agius għalqet b'konċebrazzjoni fil-Knisja Matriċi ta' Rolandia. Kien qisu xi pontifkal tal-festi li soltu norganizzaw fil-parroċċi tagħna. U s-sorpriżi ma naqsux! F'knisja mballata bin-nies minkejja li kien jum f'nofs il-ġimgħa, il-Kor li kien ppreparat sewwa, kanta ukoll bil-Malti l-għanja *Tini Idejk* kif ukoll l-Innu Nazzjonali tagħna, filwaqt li soru Franġiskana Maltija, Suor Teodoreta li ilha għal diversi snin Rolandia, għolliet bi kburija l-Bandiera Maltija fost l-emozzjoni ta' ħafna minna.

Iktar milli festa għall-Isqof Mario u l-mistednin tiegħu, kienet festa għal Dun Josè. Għall-kliem ta' apprezzament li esprimilu l-Isqof Mario f'isem id-djoċesi kollha



tagħna, l-kongregazzjoni preżenti ta' iktar minn 1000 ruħ mmexxija mill-prefett tal-Belt, nfexxet f'ċapċipa spontanja ta' radd il-ħajr għal saċerdot li għal komunità li ilu daqshekk snin iserviha huwa ħafna iktar minn sempliċi kappillan ta' parroċċa. Fi tmiem il-quddiesa l-Isqof Grech kien mistieden jikxef monument tal-knisja l-qadima ta' Rolandia u jbierek irħama b'tifkira taż-żjara tiegħu. B'hekk fil-pjazza prinċipali ta' Rolandia issa hemm żewġ monumenti li jfakkru iż-żjarat taż-żewġ Isqfijiet Għawdxin, Mons. Nikola Cauchi u Mons. Mario Grech.

Wara Rolandia t-tappa li kien imiss kienet Maceiò il-kapitali tal-Istat tal-Alogoas. Tlaqna il-Ġimgħa 18 ta' Settembru filgħodu kmieni. Hawnhekk min-naħa t'isfel tal-Brażil konna ser immorru fil-grigal punent tal-Brażil. Fid-Djoċesi ta' Maceiò għandna tlett saċerdoti Għawdxin. Dun Jimmy Xerri mir-Rabat, Dun Salv Vella mix-Xewkija, u Dun Alex Cauchi mill-Għarb. L-istorja tal-preżenza tas-saċerdoti Għawdxin f'din il-belt bdiet ma' Dun Jimmy 15 il-sena ilu fi żmien l-Isqof Sależjan Edevaldo Amaral li kien talab li xi saċerdoti Għawdxin jagħtu ftit għajnuna lil din id-djoċesi ta' iktar minn miljun ruħ. Dun Jimmy għamel żmien kappillan ta' Murici, wara għadda 5 snin Rettur tas-Seminarju interdjoċesan fl-istess belt. Illum qiegħed kappillan tal-parroċċa San Bastjan ta' Messias.

Dun Salv Vella ilu għal dawn l-aħħar 13 il-sena kappillan tal-parroċċa San Ġwann Battista u Santa Eliżabetta f'Cha di Jaquiera, periferija ta' Maceio', filwaqt li Dun Alex għadu kif ingħata parroċċa f'post pittoresk ħafna qrib il-baħar, Japaratinga, sagħtejn bogħod bil-karrozza minn Maceio'. Mal-wasla tagħna f'Maceio' Mons. Isqof iltaqa' l-ewwel ma' Dun Salv Vella. Hawn kellna laqgħat sbieħ mal-komunità parrokkjali. Fil-Knisja Matrici s-Sibt 19 ta' Settembru, Mons Isqof mexxa l-funzjoni ta' l-ewwel tqarbina lil madwar 130 tfal. Kienet funzjoni pparteċipata mill-bidu sat-tmiem. Ma naqsux il-kant sabiħ u animat, ġesti, ċapċip u dak kollu li huwa espressjoni ta' ferħ.

F'din il-parroċċa Dun Salv bl-għajnuna ta' diversi benefatturi bena diversi kappelli u ċentri pastorali li qegħdin jaqdu l-ħtiġijiet ta' din il-komunità li dejjem qegħda tikber. Fi knisja oħra f'din il-parroċċa fil-post ta' Joao Sampaio, l-Ħadd 20 ta' Settembru, Mons Isqof mexxa l-funzjoni tal-Griżma tal-Isqof. Bqajna milqutin bid-devozzjoni tal-biċċa l-kbira tal-krezimandi li kienu tassew imħejjija biex jirċievu dan is-sagrament. F'din il-komunità Mons Isqof Mario Grech inawgura Ċentru ġdid tal-katekeżi.

Wara nofsinhar, kien imiss mbagħad li nżuru l-parroċċa ta' Dun Jimmy f'Messias. Messias u Maceiò mhumiex il-bogħod. Xi nofs siegħa karrozza. Meta Dun Jimmy kien kappillan fl-ewwel snin tiegħu fil-Brażil, Messias kienet tagħmel parti mill-parroċċa tiegħu. Illum hija parroċċa għaliha. Għandhom knisja ħelwa mibnija bil-ħidma ta' Dun Alex Cauchi li għamel żmien ukoll f'dawn l-inħawi. Bħalissa Dun Jimmy huwa mpenjat fil-bini ta' Ċentru Pastorali żgħir u kappella ġdida għal madwar 700 familja f'żona tal-bini ġdida li ser titla fix-xhur li ġejjin. F'din il-belt Dun Jimmy kien diġa' ħa ħsieb jibni knisja li ddedikaha lir-Ragħaj it-Tajjeb b'tifkira tal-benefatturi miż-żona taċ-Ċawla li jsostnuh fil-ħidma missjunarja. Mons. Isqof mexxa ċelebrazzjoni sabiħa fil-knisja ta' Messias u ġranet wara f'ċelebrazzjoni oħra, amministra ukoll is-sagrament tal-magħmudija.

Ma' Dun Jimmy, Mons Isqof kellu esperjenza sabiħa fis-Seminarju Interdjoċesan ta' Maceiò fejn ġie mistieden

imexxi ukoll quddiesa għas-Seminaristi flimkien mar-Rettur Padre Delfino, li kien ukoll għal xi żmien kappillan ta' Dun Jimmy meta dan wasal l-ewwel darba l-Brażil. Dun Jimmy għad baqgħalu ħafna x'jaqsam mas-Seminarju għax barra milli hu *lecturer* hu ukoll responsabbli mill-koordinament tal-programmi tal-istudji. F'dan is-Seminarju Dun Jimmy ħa ħsieb li jgħin ukoll fl-infrastruttura tiegħu bi proġetti utli, fosthom forn modern tal-ħobż li huwa mħaddem mill-istess seminaristi. Hawn ukoll ħa ħsieb li jorganizza l-librerija li hija l-qalb ta' kull ċentru ta' studju.



*Fil-parroċċa ta' Dun Salv Vella, Maceiò*

Ma kienx jonqos lanqas żjara lil-belt ta' Murici fejn Dun Jimmy għamel 9 snin kappillan. Kien ta' sodisfazzjon għal Mons. Isqof Mario Grech li jiltaqa' ma diversi persuni minn din il-belt li sabu għajnuna permezz ta' benefatturi Għawdxin biex ikomplu bl-istudji tagħhom u illum għandhom impjiegi li permezz tagħhom jgħixu l-familji tagħhom.

Żjara oħra f'din id-djoċesi kienet lil Dun Alex Cauchi li f'dawn l-aħħar xhur inħatar kappillan ta' Japaratinga. Parroċċa li nqatgħet dan l-aħħar. Kien ilu snin kbar ma jkun hemm saċerdot residenti f'dawn l-inħawi. Kollox irid jibda kważi mill-ġdid b'ħafna diffikultajiet. Waħda mill-mumenti sbieħ f'Japaratinga kienet il-funzjoni li mexxa l-Isqof Mario Grech bit-tqegħid tal-ewwel ġebla ta' Ċentru Pastorali ġdid fil-parroċċa fejn ikunu jistgħu jsiru laqgħat ta' formazzjoni u katekeżi. Dun Alex fis-snin l-imgħoddija ħadem ħafna man-nies tal-Moviment Sen Terra, nies li m'għandhomx fejn joqgħodu u rnexxielu jakkwista meddiet twal ta' art minn għand l-awtoritajiet ċivili permezz tar-riforma agrarja, biex dawn il-bnedmin ikollhom saqaf fuq rashom. Mhux lakemm tiddeskrivi t-tribolazzjonijiet kollha li għadda minnhom Dun Alex sakemm irnexxielu jakkwista dan! Ma setax jonqos li nżuru ukoll waħda minn dawn il-komunitajiet li għadha kemm ħadet biċċa art kbira biex jibnu djarhom u jkabbru l-uċuh tar-raba. Xi uħud minn dawn ir-residenti offrew prodotti ta' frott lil Mons. Isqof Grech li issa bdew ikabbru fuq l-art mogħtija lilhom.

L-aħħar żjarat tagħna kienu fl-istati ta' Pernambuco f'Recife u Paraiba f'San Miguele di Taipu. Dawn saru bejn it-Tnejn 21 u l-24 ta' Settembru. F'Recife Mons Isqof iltaqa' ma' Salvador Dimech u l-familja tiegħu. Salvador li huwa miż-Żebbuġ Għawdex ilu għal diversi snin jaħdem bħala missjunarju lajk f'żona ta' periferija ta' Recife. Waqqaf diversi koopertivi u skejjel u huwa mpenjat f'ħidma ta' promozzjoni umana. Salvador u martu Nagela laqgħu lil Mons Isqof u l-grupp kollu li kienu jakkumpanjawh fid-dar tagħhom u urew ospitalità kbira ħafna. Laqgħa oħra f'din il-belt kienet ma' Ġanni Muscat li huwa minn Nadur. Hu ukoll huwa missjunarju lajk impenjat f'ħidma ta' promozzjoni umana f'żona periferika ta' Recife. F'Recife Mons Isqof żar il-qabar tal-magħruf Isqof Helder Camara fil-Katidral ta' Olinda.



*Parroċċani żgħar ta' Maceiò*

Sagħtejn bogħod minn Recife għandna ukoll missjunarju mill-Għarb Dun Ġamri Cauchi. Ilu 'l fuq minn 40 sena f'dawn l-inhawi qrib il-belt ta' Joao Pessoa fil-parroċċa ta' S. Miguele di Taipu. It-Tlieta 22 ta' Settembru, Mons Isqof mexxa ċelebrazzjoni sabiħa fil-knisja



Dun Jimmy Scerri juri lill-Isqof il-pedamenti ta' knisja ġdida f'Messias

parrokkjali u minkejja li wasalna tard minħabba t-traffiku, in-nies xorta waħda baqgħet fil-knisja tistenniena biex tagħti merħba lill-Isqof Grech li ġie jżur lill-komunità minn daqshekk bogħod. Dun Ġamri huwa saċerdot li ħadem fost ħafna diffikultajiet biex jiddefendi d-drittijiet tal-esklużi fosthom ta' dawk li ma kellhomx art u dar tagħhom. Irnexxielu b'ħafna diffikultajiet u kultant sogru personali jakkwista meddiet kbar ta' raba għal dawn in-nies. Fil-fatt wara l-ikel fid-dar tal-parroċċa, Dun Ġamri ħadna nżuru waħda minn dawn il-komunitajiet. Qattajna ftit ħin mhux ħażin ma' waħda minn dawn il-familji li bdew juruna l-prodotti li qegħdin ikabbru fir-raba li ġie mogħti lilhom. Kien tassew mument sabiħ għalina lkoll li stajna nqattgħu ftit ħin ma' din il-familja fil-preżenza ta' Dun Ġamri li tant ħadem biex jara li xi darba tibda isseħħ ġustizzja soċjali ma tant familji li iħossuhom esklużi mis-soċjetà. Lura lejn Alogoas għamilna l-aħħar żjarat tagħna lil Dun Alex, Dun Salv u Dun Jimmy. Żorna ukoll *Facienda Esperanza*: esperjenza djoċesana ta' programm ta' rijabilitazzjoni għad-drogati

L-aħħar żjarat ta' Mons. Isqof kienu fil-Belt ta' Salvator di Baia u Rio di Janiero. Akkumpanjati minn Dun Jimmy Xerri f'Salvator it-Tnejn 28 ta' Settembru, Mons. Isqof Mario Grech iltaqa' mal- Kardinal primat tal-Brażil, l-Eminenza tiegħu Geraldo Majella Agnello fir-residenza tiegħu. Dan il-kardinal huwa midħla kbira t'Għawdex peress li qabel kien għal diversi snin Arċisqof ta' Londrina. Fil-fatt qalilna li l-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex kienet fl-1973. L-aħħar waħda kienet f'Mejju li għadda għall-festi ta' San Pawl fil-Munxar. Il-Kardinal Agnello kellu kliem ta' tifħir għall-ħidma tal-Missjunarji Maltin u irringrazzja ħafna lil Mons. Isqof Mario Grech tal-kontribut tad-djoċesi tagħna fil-ħidma missjunarja.

F'Rio Di Janiero, apparti xi postijiet ta' interess turistiku fosthom il-*Corcovado* fejn hemm l-istatwa ta' Kristu Salvatur li tiddomina l-belt meraviljuża ta' Rio, Mons Isqof kellu żewġ laqgħat interessanti, waħda fis-Seminarju ta' Rio u l-oħra fl-abbazija ta' San Benedettu fl-istess belt. Fis-Seminarju Mons Isqof ġie milqugħ mir-Rettur li b'ospitalita' kbira stieden lill-grupp kollu għal ikel ta' nofs in-nhar. F'Rio hemm diversi vokazzjonijiet. Bħalissa hemm ukoll saċerdot minn Maceiò li bil-ħidma ta' Dun Jimmy qiegħed jagħmel l-istudji tiegħu f'dan is-Seminarju. Fl-Abbazija ta' San Benedittu, apparti s-sbuħija tal-knisja ddedikata lill-istess qaddis u li hi ġawhra ta' arkittetura fi stil *rococo*, stajna nammiraw l-entużjażmu ta' diversi żgħażagħ mill-belt ta' Rio li skoprew f'dan l-istil ta' ħajja mument ta formazzjoni u mixja spiritwali. Fil-laqgħa li Mons. Isqof Mario Grech kellu mal-Abbati żagħżugħ tal-Abbazija huwa ġie mogħti tagħrif dwar il-ħidma kbira li twettaq l-abbazija f'din il-belt. Bħalissa anke f'din l-abbazija n-numri ta' vokazzjonijiet huma kbar, tant li hemm madwar 50 reliġjuż.



Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Messias

Biż-żjarat tagħna f'dawn il-postijiet ta' Rio, għalaqna l-miġja tagħna fil-Brażil flimkien ma' Mons Isqof il-Ħamis l-1 ta' Ottubru 2009 fuq nota tassew pożittiva! Hemm ħafna affarijiet sbieħ x'wieħed jirrakkonta,



*Fr Alex Cauchi ma' missieru f'Japaratinga*



*Dun Ġamri Cauchi ma' xi bdiewa f'San Miguele de Taipù*

fosthom l-imħabba kbira tal-Benefatturi Maltin u Għawdxin li sostnewh b'sagrifiċċji kbar il-ħidma tal-missjunarji tagħha. F'kull post li żorna hemm preżenti l-qalb ġeneruża tan-nies twajba tal-gżejjer tagħna. Hemm ukoll ħafna tbatija, frustrazzjoni, u xi ftit qtiegħ il-qalb li huma elementi li jakkumpanjaw kull ħidma marbuta mal-evanġelizzazzjoni. Imma hemm ħafna x'jagħmillek kuraġġ. Hemm ħafna ta' xhiex wieħed irodd ħajr lil Alla. Ma' Mons. Isqof Mario Grech għandna nħossuna kburin li xi uħud minn fost ħutna qegħdin għas-servizz ta' qadi u mħabba, f'opra ta' promozzjoni tal-bniedem sħiħ. J'Alla din l-esperjenza tkompli tħeġġeġ lilna ukoll b'entużjażmu dejjem ġdid biex inwasslu l-Kelma t'Alla fi xtutna u lil hinn minnhom.



*Proġett ta' Salvador Dimech f'Recife*



*Il-parroċċa ta' Dun Ġamri Cauchi f'San Miguele de Taipù*